**X'inhuma l-miri tagħna f'dan l-aħħar stadju lejn l-elezzjoni ġenerali li jmiss.**

Bla dubju ta' xejn irridu nuru li aħna Gvern li ħadem, stinka u wettaq. Ma wiegħedx biss. Jekk minkejja l-proġetti kapitali u l-espansjoni f'servizzi f'oqsma differenti, id-deficit niżżilnih taħt it-3% - dan hu fatt. Jekk qatt f'pajjiżna ma kien hawn daqshekk nies jaħdmu bi qliegħ, jekk għandna l-iktar numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom, dan hu fatt. Jekk fil-qasam ta' l-edukazzjoni irdoppjajna n-numru ta' studenti li jkomplu bl-istudju tagħhom wara s-sekondarja, minn 11,000 (1998) għal 22,000 (2007), dan hu mertu ta' l-investiment qawwi tal-Gvern Nazzjonalista. Jekk l-investiment barrani jammonta għal 1.5 miljun lira kuljum dan juri ekonomija stabbli u sistema politika stabbli. Dawn ġraw għax stinka għalihom il-Gvern. Xejn ma ġie waħdu.

Fadal xi jsir. Ħafna għadhom igħidulna biex nidħlu aktar fid-dettal eż. proġetti żgħar fil-lokalita', iktar attenzjoni għal ċerti postijiet turistiċi, sabiex pajjiżna dejjem jidher sabiħ u nadif. U nifhmu għaliex ikun hemm dawn ir-rimarki. Fil-passat dejjem kien hemm kwestjonijiet ta' importanza nazzjonali f'ħafna mill-elezzjonijiet ġenerali: ksib lura tal-liberta' u demokrazija, sistema ekonomiku liberalizzat, id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. L-istabbilita' u serħan ta' moħħ tad-dħul tagħna fl-Unjoni Ewropeja ġabu sitwazzjoni li għax m'hemmx "issues" kbar jispuntaw l-"issues" iż-żgħar.

Ma għandniex nibżgħu minn dan. Anzi nilqgħuh bil-ferħ għaliex hu frott tas-suċċess tagħna. U għandna nfehmu lil kulħadd illi aħna jinteressana, anki l-hekk imsejħa affarijiet iż-żgħar.

Iżda b'ħidma intensiva fid-djar u l-postijiet tax-xogħol irridu nisħqu fuq il-ġid li ħloqna, u fuq il-fatt li l-partit fl-opposizzjoni ma jistax jiġi afdat; ma hemmx dubju li b'Lawrence Gonzi fit-tmun, hemm par idejn sodi, hemm serjeta', u hemm serħan tal-moħħ.

Dawn m'humiex idejat astratti; dawn huma eżempji konkreti ta' proġetti li jirriflettu l-ħsibijiet, l-attitudnijiet, u l-pjani ta' Gvern Nazzjonalista.

Id-domanda li irridu nagħmlu minn issa 'il quddiem hu: min instab dejjem fuq in-naħa tajba ta' l-istorja? Min baqa' dejjem konsistenti fil-prinċipji tiegħu, min dejjem kien favur li nidħlu fl-Ewropa?

U jekk ħaddieħor biegħ daqshekk malajr il-prinċipji tiegħu bħal fil-każ ta' l-Unjoni Ewropeja, il-Kostituzzjoni Ewropeja u l-Ewro – konvenzjoni ta' konvenjenza tassew spettakolari, - aħseb u ara kemm se jiddejjaq jarmi il-wegħdiet elettorali li qed jagħmel illum lill kulħadd, u kultant anki lil tnejn min-nies li għandhom interessi konfliġġenti!

B'din l-istrateġija u ħsieb, irridu nibnu, ġebla wara ġebla, it-triq għar-rebħa.

**Tonio Borg** **01/10/07**